MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2008

Numru. 733/2001

**Il-Pulizija**
**(Spettur Norbert Ciappara)**

**vs**

**Mark Anthony Cardona**
**Francis Grech**

Il-Qorti:

Rat li l-imputati Mark Anthony Cardona ta' 24 sena, iben Joseph u Alice nee` Cutajar, imwieled San Giljan, fit-30 ta` Awissu, 1977, u residenti Flat 5, Triq il-Punent, Valletta u detentur tal-karta ta` l-identita` numru 449277 (M) u Francis Grech ta' 36 sena, iben Nazzareno u Mary Rose nee` Spiteri, imwieled Pieta`, fit-22 ta` Novembru, 1965, u residenti 15, St. Dominic Str., Valletta u detentur tal-karta

ta` l-identita` numru 535565 (M) gew imressqa quddiemha akkuzati talli:-

Fid-29 ta` Novembru, 2001, f`G`Mangia tal-Pieta` ghall-habta ta` 4.00 pm attakaw jew ghamlu rezistenza b`vjolenza jew hebb ta` xorta li ma titqies vjolenza pubblika kontra l-persuna ta` P.S. 1086 Johan Micallef u WPS 45 Marisa Bartolo persuni inkarigati skond il-Ligi minn servizz filwaqt li kien qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta` ordni moghtija skond il-Ligi minn awtorita` kompettenti b`ksur ta` l-Artikolu 96, u 96 a tal-Kodici Kriminali.

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurja jew hebb jew ghamel offiza fuq il-persuni ta` P.S. 1086 Johan Micallef u WPS 45 Marisa Bartolo persuni inkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku waqt li kien, ghamlu jew minhabba li kienu sa jaghmlu dan is-servizz jew bil-hsieb li bezzghu jew li jinfluwixxu fuqu kontra l-Ligi f`esekuzzjoni ta` dak is-servizz ta` l-artikolu 95 (a) tal-Kodici Kriminali.

Lil Francis Grech talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikaguna feriti ta` natura hafifa fuq il-persuni ta` P.S. 1086 Johan Micallef u WPS 45 Marisa Bartolo skond ma ccertifika t-tabib Dr. Jonathan Joslin ta` l-Isptar San Luqa.

Lil Mark Anthony Cardona talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna feriti ta` natura hafifa fuq il-persuna ta` P.S. 1086 Johan Micallef skond ma` ccertifika t-tabib Dr. Jonathan Joslin ta` l-Isptar San Luqa.

Lil Francis Grech talli volontarjament hassar, ghamel jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, cioe` nuccali tal-vista li l-ammont tal-hsara ma teccediex il-hames mitt lira (Lm500) izda hi aktar minn hamsin lira (Lm50) ghad-dannu ta` P.S. 1086 Johan Micallef.

Lil Mark Anthony Cardona u lil Francis Grech talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b`ghajjat u glied u dan b`ksur ta` l-artikolu 338 (dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Aktar lil Mark Anthony Cardona u lil Francis Grech talli ma obdewx ordnijiet legittimi ta` awtorita` jew ta` wiehed li jkun inkarigat mis-servizz pubbliku jew ma halliehx jew fixklu waqt li jkun ghamel id-dmir tieghu jew b`xi mod bla jedd jindahal fi dmiru billi ma jhallix lil hadd iehor jaghmel dak li b`Ligi ikun ordnat, jew jista` jaghmel, jew billi jgib fix-xejn jew ihassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-Ligi jew b`xi mod iehor li jkun kemm-il darba din id-disubbidjenza jew dan l-indhil ma jkunx jaqghu taht dispozizzjonijiet ohra ta` dan il-Kodici jew ta` Ligi ohra u dan b`ksur ta` l-Artikolu 338 (ee) tal-Ligijiet ta` Malta.

Lil Francis Grech talli fl-istess data, hin u cirkostanzi kellu f`idejh jew fuqu sikkina ta` kull xorta li tkun b`xafra bil-ponta u cioe` mus minghajr il-licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Lil Mark Anthony Cardona aktar talli fid-29 ta` Novembru, 2001, kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur ta` l-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta` Malta.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 11 ta’ Dicembru 2001 (esebit a fol. 37 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-interrogatorji li saru lill-imputati fis-seduti tat-30 ta’ Novembru 2001 (inseriti a fol. 15 u 16 tal-process), 11 ta’ Dicembru 2001 (inseriti a fol. 24B u 25 tal-process), u fis-26 ta’ Marzu 2003 (inserit a fol. 82 tal-process) l-imputati wiegbu li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali tat-2 ta’ Frar 2008 fejn bis-sahha tal-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 huwa ordna li l-imputat Mark Anthony Cardona jitressaq quddiem din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita sabiex iwiegeb ghall-akkuzi kontra tieghu ghal ksur tal-provedimenti tal-

Ordinanza Dwar Medicini Perikoluzi (Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta).

Semghat il-provi.

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza tal-imputat Mark Anthony Cardona.

Rat li ghalkemm id-Difiza tal-imputat l-iehor Francis Grech inghatat zmien sabiex tipprezenta nota ta’ sottomissjonijiet finali hija naqset milli taghmel dan.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti tal-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fid-29 ta’ Novembru 2001 waqt li WPS 45 Marisa Bartolo flimkien ma P.S. 1086 Johan Micallef u ufficjali ohra tal-Pulizija kienu hergin mill-Isptar San Luqa u kienu sejrin fid-direzzjoni tal-hanut tal-kafe’ bl-isem Coffee Pot li hemm quddiem ‘ l isptar, fuq in-naha tax-xellug ‘l imputat Francis Grech u Mark Anthony Cardona kienu qeghdin kwazi hdejn il-Coffee Pot, meta WPS 45 rat xi haga tibdel l-idejn, bejn iz-zewg imputati. Meta l-Pulizija nizlu biex jinvestigaw WPS 45 rat lil Frankie Grech iqieghed xi haga f’ halqu u waqt li kienu qed isiru is-searches fuq iz-zewgt imputati minn WPS 45 u P.S. 1086, P.C. 579 gibed l-attenzjoni li fl-art taht il-bankina kien hemm bicca sustanza suspettata raza tal-cannabis, li giet esebita f’dawn il-proceduri u mmarkata bhala Dok RS3, filwaqt li PS 1986 minn fuq il-persuna ta’ Francis Grech gabar mus, li huwa wkoll esebit in atti u mmarkat bhala Dok RS2. Waqt li WPS 45 kienet qed taghmel is-search fuq Mark Anthony Cardona innutat illi hu kellu pakkett tas-sigaretti u dan kellu bicca mill-foil nieqsa. Hekk kif WPS 45 rimarkat li l-foil tal-Pakkett u l-foil tas-sustanza kienu simili u ta’ l-istess kulur il-pakkett ta’ sigaretti bidel l-idejn minghand Mark Anthony Cardona u hadu Frankie Grech, li minn naha tieghu tefghu fil-but ta’ wara. Hekk kif il-Pulizija ordnat lill-Mark Anthony Cardona biex immur maghhom ghal aktar investigazzjonijiet, u lill Frankie Grech infurmawh li seta’ immur, izda kellu jigi id-Depot tal-Pulizija sabiex tinhariglu ricevuta ghal mus li kienu elevaw il-Pulizija, Frankie Grech beda jindahal fix-

xoghol tal-Pulizija, u wara li prova ghal diversi drabi johrog lill Mark Anthony Cardona minn gewwa ‘il karozza tal-Pulizija spicca sabiex sawwat kemm lill WPS  45 u lil P.S 1086 waqt li dawn kienu qed jaghmlu ix-xoghol taghhom.

Illi l-Qorti ezaminat bir-reqqa il-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni f’dan il-kaz u in kwantu jirrigwarda l-akkuzi ta’ attakk jew rezistenza bi vjolenza li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-persuni ta’ PS 1086 Johan Micallef u WPS 45 Marisa Bartolo waqt il-qadi ta’ dmirijiethom u cioe’ ir-reat kontemplat fl-Artikolu 96 tal-Kap. 9, kif ukoll dik ta’ ingurji jew theddid kontra ufficjali pubblici jew offizi fuq il-persuna taghhom u cioe’ ir-reat kontemplat fl-Artikolu 95 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u jidrilha li dawn iz-zewg akkuzi jirrizultaw pruvati biss fil-konfronti tal-imputat Francis Grech.  Mix-xhieda ta’ WPS 45 Marisa Bartolo (deposizzjoni relattiva inserita a fol. 42 sa 45 tal-process) jirrizulta minghajr ebda dubju li l-imputat Francis Grech agredixxa lilha u lil PS 1086 u beda jindahal fix-xoghol tal-Pulzijia. L-istess haga jinghad ghax-xhieda ta’ PS 1086 Johan Micallef (vide xhieda tieghu a fol. 50 sa 53 tal-process). Dan ix-xhud fil-fatt jispjega li wara suspetti imqanqla minn movimenti suspettuzi beda biex jaghmel search fuq il-persuna ta’ Frankie Grech minn fejn eleva mus, hu identifika Dok RS 2 bhala il-mus li kien eleva min fuq Frankie Grech. Is-Surgent Micallef ikompli jghid u jindika l-persuni li kienu refghu idejhom fuqu u fuq il-kollega tieghu. Hu kompla jindika kif Frankie Grech beda jigbed minn idejha lil WPS 45 u li kien Frankie Grech li f’ mument minnhom, sahansitra hareg lil Mark Anthony Cardona minn gewwa il-karozza tal-Pulizija, P.S. 1086 kompla jghid li kien ra lill-WPS 45 ticcekja il-pakkett ta’ sigaretti li kellu Mark Anthony Cardona izda wara li Frankie Grech kien talbu sigarett dan il-pakkett kien spicca f’ idejn Grech. L-Ispettur Geoffrey Azzopardi li xehed fis-seduta tat-28 ta’ Frar 2002 (vide xhieda relattiva inserita a fol. 48 tal-process) jikkonferma li ra lill-imputat Francis Grech jagixxi b’mod aggressiv u jofri rezistenza lilll-Pulizija.

Dawn l-akkuzi ghalhekk jirrrizultaw indubbjament pruvati sal-grad rikjest mill-Ligi fil-konfronti tal-imputat Francis

Grech u huwa ser jinstab hati taghhom.. L-istess haga ma tistax tinghad fil-konfronti tal-imputat Mark Anthony Cardona. Kif diga' intqal aktar 'il fuq WPS 45 Marisa Bartolo fil-fatt tindika lill-imputat Francis Grech bhala l-persuna li aggredixxa lil Pulizija *"….meta rajt lil Frankie sejjer ghal PS 1086 dhalt bejniethom u dak il-hin tani daqqa ta' ponn go dari Frankie… Frankie diversi drabi dak il-hin ipprova jattakka lil 1086 u ahna nzommuh… Frankie mis-seat ta' wara rega' qabez is-seat ta' quddiem u rega' hargilna biex jerga' jahbat ghal 1086."* L-istess haga jirrizulta mix-xhieda ta' PS 1086 u l-Ispettur Geoffrey Azzopardi fejn dejjem gie indikat l-imputat Francis Grech bhala dak li agredixxa u hebb ghal Pulizjia u offra rezistenza. Dwar l-imputat l-iehor Mark Anthony Cardona PS 1086 xehed hekk;

*" …Frankie dawwarni minn spallti u tani daqqa ta' ponn, laqatni fuq wicci kwazi tajjarli n-nuccali, sadanittant dahlu iktar nies bejnietna sabiex jifirquna. Hassejt daqqa fuq wara ta' rasi u kif dort rajt lil Mark Anthony , pero' kien hemm iktar nies hemmhekk…Waslu wkoll zewg membri ohrajn tal-mobile u kienu huma li jnexxielhom, ippruvaw jikkalmaw lil Frankie, dahluh fil-karozza, pero' rega' hargilhom minn quddiem. Rajt lis-Surgenta Marisa migugha, staqsejtha x' kien gara, qaltli qlajt daqqa f' genbi minn ghand Frankie."*

L-imputat Mark Anthony Cardona ghalhekk ser jigi liberat mill-imsemmija zewg akkuzi stante li fil-konfronti tieghu dawn ma jirrizultawx pruvati sal-grad rikjest mill-Ligi.

L-imputat Francis Grech wahdu jinsab akkuzat ukoll li kkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuni ta' PS 1086 u WPS 45 u dina l-akkuza tirrizulta ampjament pruvata mix-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni u indikata aktar 'il fuq kif ukoll miz-zewg certifikati medici rilaxxjati minn Dr. Jonathan Joslin (esebiti a fol. 71 u 72 liema certifikati gew debitament konfermati mill-istess Dr. Joanhan Joslin li xehed fis-seduta tas-26 ta' Marzu 2003 u ghalhekk huwa ser jinstab hati ta' din l-akkuza. L-istess imputat jinsab akkuzat wahdu talli kkaguna hsara volontarja f'ammont li ma jeccedix il-hames mitt lira Maltin (Lm500) izda huwa

aktar minn hamsin lira Maltin (Lm50) ghad-dannu ta’ PS 1086 meta huwa kisser in-nuccali tal-istess PS 1086. Din l-akkuza wkoll tirrizulta pruvata kemm mix-xhieda ta’ PS 1086 innifsu, kif ukoll mix-xhieda ta’ PC 579 Antoine Micallef (deposizzjoni relattiva esebita a fol. 54 et sequitur tal-process) u mill-istima immarkata bhal Dok. JMC 1 u esebita a fol. 85 tal-process u ghalhekk l-imputat Francis Grech sejjer ukoll jinstab hati ta’ din l-akkuza.

L-imputat Francis Grech wahdu jinsab ukoll akkuzat talli kellu fil-pussess tieghu arma bil-ponta li taqta’ minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija. Din l-arma konsistenti f’mus giet elevata mill-pussess tal-imputat Francis Grech waqt l-incident li jifforma l-mertu tal-akkuza minn WPS 45 kif jirrizulta mix-xhieda tal-istess WPS 45 u l-mus gie esebit f’dawn il-proceduri u mmarkat bhala Dok. RS2. Din l-akkuza migjuba fil-konfronti tal-imputat Francis Grech ukoll tirrizulta pruvata lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni u ghalhekk huwa ser jinstab hati taghha.

L-imputat Mark Anthony Cardona wahdu jinsab akkuzat talli kkaguna griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ PS 1086 Johan Micallef. Il-Qorti jidrilha li minn ezami tas-silta tax-xhieda moghtija mill-istess PS 1086 u riportata fil-paragrafi precedenti bl-ebda mod ma jirrizulta li huwa ra lill-imputat Mark Anthony Cardona jaghtih daqqa anzi huwa jghid li meta dar wara li qala’ daqqa fuq in-naha ta’ wara ta’ rasu kien hemm l-imputat Mark Anthony Cardona u diversi nies ohra u ghalhekk ma jistax jigi stabbilit lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat Mark Anthony Cardona agredixxa lil PS 1086 u li kkagunalu griehi ta’ natura hafifa. L-imputat Mark Anthony Cardona ghalhekk qed jigi liberat minn din l-akkuza.

Iz-zewg imputati jinsabu wkoll akkuzati bi ksur ta’ buon ordni u paci pubblika a tenur tal-Artikolu 338 (dd) tal-Kap tal-Ligijiet ta’ Malta u talli ma obdewx l-ordnijiet legittimi ta’ awtorita’ jew ta’ wiehed li jkun inkarigat mis-servizz pubbliku a tenur tal-Artikolu 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta izda dawn l-akkuzi li huma ta’ natura kontravenzjonali huma preskritti ai termini tal-Artikolu 688(f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta fil-konfronti tal-

imputat Mark Anthony Cardona u dan stante li fis-26 ta' Marzu 2003 saret zieda fl-akkuzi migjuba fil-konfronti tal-imputat Mark Anthony Cardona u dakinhar l-istess imputat ta' ruhu b'notifikat bic-citazzjoni kif korretta u ghalhekk kienu ghaddew aktar minn tlett xhur mid-data tal-kommissjoni tal-allegati reati, u cioe' mid-29 ta' Novembru 2001. Dawn l-akkuzi izda jirrizultaw ampjament pruvati fil-konfronti tal-imputat l-iehor Francis Grech skond ma jidher mill-esposizzjoni tal-provi maghmula aktar 'il fuq u ghlahekk l-imputat Francis Grech qed jinstab hati anki ta' dawn l-akkuzi.

Finalment jibqa' sabiex tigi kkunsidrata l-akkuza migjuba fil-konfronti tal-imputat Mark Anthony Cardona wahdu rigwardanti l-allegat pussess tar-raza mehuda mill-pjanta cannabis u cioe' ir-reat kontemplat fl-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti jidrilha li mill-provi rrizulta lil hinn  minn kull dubju dettat mir-raguni li s-sustanza kannella li nstabet taht il-bankina hdejn iz-zewg imputati kienet fil-pussess tal-imputat Mark Anthony Cardona. Mir-rapport tal-espert forensiku nominat minn din il-Qorti, l-Ispizjar Mario Mifsud (vide xhieda u rapport a fol. 65 u 66 sa 70 tal-process) irrizulta fil-fatt li kien hemm *mechanical match* tal-foil li nstabet fiha r-raza tal-cannabis li nstabet taht il-bankina (u li rrizulta li kienet raza mehuda mill-pjanta cannabis skond l-istess rapport tal-Ispizjar Mifsud) u l-foil li kien hemm gewwa l-pakkett sigaretti li mill-provi rrizulta li kien fil-pussess tal-imputat Mark Anthony Cardona u mbaghad fil-prezenza tal-Pulizija gie mghoddi lill-imputat l-iehor Francis Grech, u li minnu kien hemm bicca foil nieqsa. Ir-rizultanzi tal-ezamijiet maghmula mill-espert forensiku ma jhallu ebda dubju li l-bicca raza mehuda mill-pjanta tal-cannabis li nstabet taht il-bankina kienet fil-pussess tal-imputat Mark Anthony Cardona u ntefghat mal-art meta huwa ra l-Pulizjia qed javvicinawh. L-imputat Mark Anthony Cardona qieghed ghalhekk jinstab hati ta din l-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Ghal finijiet ta' piena in kwantu jirrigwarda l-imputat Mark Anthony Cardona l-Qorti kkunsidrat il-fedina penali prattikament nadifa tal-istess imputat, l-ammont ferm zghir ta' droga li nstabet fil-pussess tieghu (1.053 grammi

skond ir-rapport tal-Ispizjar Mario Mifsud) u t-trapass ta' zmien minnn mindu huwa tressaq il-Qorti akkuzat bl-imputazzjonijiet odjerni sallum, liema dewmien m'huwiex dovut ghal ragunijiet imputabbli lill-istess imputat, u ghalhekk il-Qorti jidirlha li m'ghandhiex timponi piena karcerarja izda wahda pekunjarja. In kwantu jirrigwarda l-imputat l-iehor Francis Grech li qed jinstab hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu il-Qorti jidrilha li tenut kont tal-fedina penali tieghu minn fejn jirrizulta li huwa kiser dufrejgh mal-gustizzja diversi drabi u m'gharafx juzufruwixxi mill-opportunitajiet li inghatawlu sabiex jirriforma ruhu ghandha tigi imposta piena karcerarja sopiza ai termini ta' dak li jiddisponi l-Artikolu 28A tal-Kap. tal-Ligijiet ta' Malta. F'dan ir-rigward il-Qorti hadet in konsiderazzjoni it-trapass taz-zmien mid-data minn meta l-imputat tressaq il-Qorti akkuzat bl-imputazzjonijiet li taghhom qed jinstab hati sallum liema dewmien ma kienx dovut ghal ragunijiet imputabbli lill-imputat u ghalhekk ser tigi imposta piena karcerarja sospiza u mhux wahda effettiva.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 95, 96, 221, 325, 338(dd) u 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikolu 13(1) tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputat Francis Grech hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu u b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannah ghaxar (10) xhur prigunerija sospizi ghal sentejn millum.

Il-Qorti fissret bi kliem car lill-imputat l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li jonqos milli josservaha.

L-imputat min-naha tieghu jiddikjara li fehem ben tajjeb l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jonqos milli josservaha.

Wara li rat l-Artikoli 8 u 22 (2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li qed issib lill-imputat Mark Anthony Cardona hati tal-akkuza ta' pussess ta' bicca raza mehuda mill-pjanta cannanbis kif migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah multa ta' hames mitt Ewro

(€500.00), li b'applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghandha tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Ewro (100€) b'dan illi l-ewwel pagament ikun dovut fit-30 ta' Gunju 2008. Fin-nuqqas li l-imputat ma jhallasx pagament wiehed, il-bilanc dovut jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hdax-il Ewro u hamsa u sittin centezmu (11.65 €) dovuta. Tiddikjara li l-akkuzi ta' ksur ta' buon ordni u paci pubblika u dik talli naqas milli jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Pulizjia bhala preskritti fil-konfronti tieghu ghar-ragunijiet indikati aktar il-fuq a tenur tal-Artikolu 688(f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement tilliberah minn dawn l-akkuzi. Il-Qorti in oltre tiddikjarah mhux hati tal-akkuzi l-ohra migjuba fil-konfronti tieghu u tilliberah mill-istess akkuzi.

Wara li rat l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti tikkundanna lill-imputat Mark Anthony Cardona sabiex sa zmien xahar millum ihallas is-somma ta' erbgha u sittin ewro u hames ewro centezmi (€64.05) li huma l-ispejjes konnessi mal-hatra tal-espert Mario Mifsud nominat f'dan il-kaz.

Il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga misjuba fil-pussess tal-imputat Mark Anthony Cardona (Dok. RS3) liema distruzzjoni ghandha ssir taht id-direzzjoni tar-Registratur tal-Qorti u qed tordna wkoll il-konfiska tal-mus misjub fil-pussess tal-imputat Francis Grech (Dok. RS2).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------